



Brussell, it-22 ta' Ġunju 2020

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE DWAR L-ISPEĊIJET ALJENI INVAŻIVI

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"¹. Il-Ftehim dwar il-Hruġ² jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020³. Sa din id-data, id-dritt tal-UE kollu japplika għar-Renju Unit u fir-Renju Unit⁴.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinnegozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprevedi b'mod partikolari żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, ma hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim johlq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq se jkunu ferm differenti mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern⁵, fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali applikabbli wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti A hawn taħt). Dan l-avviż jispjega wkoll ċerti dispożizzjonijiet rilevanti rigward is-separazzjoni fil-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-Parti B hawn taħt) kif ukoll ir-regoli applikabbli għall-Irlanda ta' Fuq wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti C hawn taħt).

Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

Biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi stipulati f'dan l-avviż, il-produtturi/l-esportaturi stabbiliti f'pajjiż terz, inkluż ir-Renju Unit, ta' pjanti u animali ħajjin mqiegħda fis-

¹ Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ").

³ Il-perjodu ta' tranżizzjoni jista', qabel l-1 ta' Lulju 2020, jiġi estiż darba b'sena jew sentejn (l-Artikolu 132(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ). Il-Gvern tar-Renju Unit sa issa eskluda tali estensjoni.

⁴ Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

⁵ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprevidix il-kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonnoxximent reċiproku, il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

suq tal-UE, huma rakkomandati b'mod partikolari li jikkonsultaw il-lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni (il-"lista tal-Unjoni": https://ec.europa.eu/environment/nature/invasivealien/list/index_en.htm). L-ispeċijiet inklużi f'din il-lista (inkluż kull parti, gameta, żerriegħa, bajda jew propagula li tista' tibqa' ħajja u eventwalment tirriproduċi) ma jistgħux jiddaħħlu fit-territorju tal-Unjoni, inkluż jittranżitaw taħt superviżjoni doganali, u huma soġġetti għal restrizzjonijiet oħra wkoll.

Innota:

Dan l-avviż ma jindirizzax:

- ir-regoli tal-UE dwar is-saħħa u l-benesseri tal-annimali u s-saħħa pubblika li jkunu relatati mal-moviment ta' annimali ħajjin;
- regoli tal-UE fil-qasam tas-saħħa tal-pjanti;
- ir-regoli tal-UE dwar l-ispeċijiet fil-periklu; kif ukoll
- ir-regoli dwar l-annimali domestiċi li jakkumpanjaw lil persuna.

Fir-rigward ta' dawn l-aspetti qegħdin jitħejjew avviżi oħrajn jew inkella diġà ġew ippubblikati⁶.

A. IS-SITWAZZJONI ĠURIDIKA WARA LI JINTEMM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara l-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi⁷ ma jibqax japplika fir-Renju Unit⁸. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

1. L-INTRODUZZJONI TA' ANNIMALI U PJANTI ĦAJJIN FL-UE

Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014, huwa pprojbit id-dħul fit-territorju tal-Unjoni, inkluż it-tranżitu li jkun soġġett għas-superviżjoni doganali, u t-trasport lejn l-Unjoni (ħlief għat-trasport ta' speċijiet lejn faċilitajiet fil-kuntest ta' eradikazzjoni) ta' kampjuni ħajjin ta' kwalunkwe speċi inkluża fil-lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni ("il-lista tal-Unjoni"). Din il-projbizzjoni tapplika wkoll għal kull parti, gameta, żerriegħa, bajda jew propagula li

⁶ https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period_mt

⁷ ĠU L 317, 4.11.2014, p.35.

⁸ Rigward l-applikabbiltà tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 għall-Irlanda ta' Fuq, ara l-Parti C ta' dan l-avviż.

tista' tibqa' ħajja u eventwalment tirriproduċi. L-ispeċijiet ipprojbiti huma elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1141, kif emendat⁹.

Deroga mir-restrizzjonijiet ta' hawn fuq hija possibbli skont il-permessi maħruġa mill-awtoritajiet tal-Istati Membri għat-twettiq ta' attivitajiet ta' riċerka dwar speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni, il-produzzjoni xjentifika u l-użu mediċinali sussegwenti, jew għal attivitajiet ta' konservazzjoni *ex-situ* tagħhom. F'każijiet eċċezzjonali, għal raġunijiet ta' interess prevalentement pubbliku, il-permessi jistgħu jinħarġu għal attivitajiet oħra, madankollu jridu jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni.

Tapplika wkoll deroga għal sidien ta' annimali tal-kumpanija li ma jinżammux għal skopijiet kummerċjali u li jappartjenu għall-ispeċijiet aljeni invażivi inklużi fil-lista tal-Unjoni sa tmiem il-ħajja naturali tal-annimali. Iridu jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin: (a) l-annimali kienu qed jinżammu qabel ma ġew inklużi fil-lista tal-Unjoni; (b) l-annimali jinżammu f'faċilità kkonfinata u jittieħdu l-miżuri xierqa kollha li jiżguraw li r-riproduzzjoni jew il-ħarba mhumiex possibbli.

2. IL-ĦRUĠ TA' ANIMALI U PJANTI ĦAJJIN MILL-UE

Skont l-Artikolu 7(d) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014, huwa pprojbit li jiġu ttrasportati mill-Unjoni (ħlief għat-trasport ta' speċijiet lejn faċilitajiet fil-kuntest ta' eradikazzjoni) kampjuni ħajjin ta' kwalunkwe speċi inkluża fil-lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni ("il-lista tal-Unjoni"). Din il-projbizzjoni tapplika wkoll għal kull parti, gameta, żerriegħa, bajda jew propagula li tista' tibqa' ħajja u eventwalment tirriproduċi. L-ispeċijiet ipprojbiti huma elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1141, kif emendat.

Japplikaw id-derogi previsti mill-permessi u għas-sidien ta' annimali tal-kumpanija kif deskritt hawn fuq.

3. KONTROLLI UFFIĊJALI FL-IMPORTAZZJONI

Skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014, il-kategoriji ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda li għalihom issir referenza fil-lista tal-Unjoni huma soġġetti għall-kontrolli uffiċjali bil-għan li jiġi vverifikat li (a) mhumiex fil-lista tal-Unjoni; jew (b) huma koperti b'permess validu. Jekk tali kontrolli jstabbilixxu nuqqas ta' konformità, it-tqegħid tal-merkanzija taħt proċedura doganali għandu jiġi sospiż jew il-merkanzija għandha tiġi ssekwestrata. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014, l-Istati Membri jista' jkollhom fis-seħħ kontrolli oħra fil-fruntieri tal-Unjoni bil-ħsieb li jipprevjenu l-introduzzjoni mhux intenzjonata ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni (pereż. għax jikkontaminaw oġġetti oħra).

⁹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1141 tat-13 ta' Lulju 2016 li jadotta lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 189, 14.7.2016, p. 4. Għal verżjoni konsolidata, ara https://ec.europa.eu/environment/nature/invasivealien/docs/R_2016_1141_Union-list-2019-consolidation.pdf.

B. ID-DISPOŻIZZJONIJIET TAS-SEPARAZZJONI RILEVANTI TAL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ

1. IL-MOVIMENT TA' MERKANZIJA FI TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

L-Artikolu 47(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi li skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fih, il-movimenti ta' merkanzija fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni għandhom jiġu trattati bħala movimenti fi ħdan l-Unjoni fir-rigward tar-rekwiżiti ta' liċenzjar għall-importazzjoni u l-esportazzjoni previsti fid-dritt tal-UE.

Eżempju: Eżemplari ħajjin ta' speċijiet mdaħħla fil-lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni, li jkunu f' moviment bejn l-UE u r-Renju Unit fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, xorta jistgħu jidħlu fl-UE jekk

a) huma koperti b'permess validu skont l-Artikolu 8 jew 9 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014; jew

b) il-moviment jikkonċerna t-trasport għal faċilitajiet fil-kuntest ta' eradikazzjoni.

2. TALBIET GĦALL-INKLUŻJONI TA' SPEĊIJET ALJENI INVAŻIVI FIL-LISTA TAL-UNJONI

Sa mill-ħruġ tar-Renju Unit, jiġifieri diġà matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit ma jistax jippreżenta talbiet lill-Kummissjoni biex jiġu inklużi speċijiet aljeni invażivi fil-lista tal-Unjoni¹⁰.

C. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq¹¹. Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq huwa soġġett għall-kunsens perjodiku tal-Assemblea Leġiżlattiva tal-Irlanda ta' Fuq, u l-perjodu inizjali ta' applikazzjoni jestendi għal 4 snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni¹².

Permezz tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE huma applikabbli wkoll għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Fil-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda ta' Fuq hija ttrattata daqslikieku kienet Stat Membru¹³.

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jipprevedi li r-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-

¹⁰ L-Artikolu 128(6) u l-punt 12 tal-Anness VII tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹¹ L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹² Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

¹³ Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll tal-IE/NL.

prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi japplika għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq¹⁴.

Dan ifisser li r-referenzi għall-UE fil-Partijiet A u B ta' dan l-avviż għandhom jinftiehem bħala li jinkludu l-Irlanda ta' Fuq, filwaqt li r-referenzi għar-Renju Unit għandhom jinftiehem li jirreferu biss għall-Gran Brittanja.

B' mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost l-oħrajn, dan li ġej:

- Il-moviment tal-oġġetti mill-Irlanda ta' Fuq lejn pajjiż terz jitqies bħala ħruġ għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014.
- Il-moviment ta' oġġetti mill-Irlanda ta' Fuq lejn l-UE mhuwiex importazzjoni iżda moviment intra-UE għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014.
- Il-moviment ta' merkanzija minn pajjiż terz jew mill-Gran Brittanja lejn l-Irlanda ta' Fuq huwa importazzjoni għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014, inkluż għall-finijiet ta' kontrolli uffiċjali.
- It-tqegħid fis-suq u kull użu ieħor fl-Irlanda ta' Fuq ta' speċi mill-lista tal-Unjoni huwa pprojbit, dment li ma jkunx għal attivitajiet koperti minn permess validu. Din ir-restrizzjoni tapplika wkoll għal oġġetti li jiġu ttrasportati mill-Gran Brittanja lejn l-Irlanda ta' Fuq.
- Ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 japplika għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, jiġifieri
 - Fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit għandu jistabbilixxi u jadotta pjanijiet ta' azzjoni biex jindirizza d-direzzjonijiet prijoritarji marbutin mal-introduzzjoni u t-tixrid mhux intenzjonat ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni.
 - Fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit għandu jistabbilixxi sistema ta' sorveljanza tal-ispeċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni u jinnotifika lill-Kummissjoni kif ukoll jinforma lill-Istati Membri bl-introduzzjoni jew bil-preżenza ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni.
 - Fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit għandu jkollu fis-seħħ miżuri ta' ġestjoni effettivi għal dawk l-ispeċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni, li nstab li huma mifruxin fit-territorju tiegħu. Għandhom jitwettqu wkoll miżuri adegwati ta' ristabiliment.
 - Fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit għandu jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament, u skont il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas għandu jimmira li jirkupra l-ispejjeż tal-miżuri meħtieġa biex jipprevjeni, jimminimizza jew itaffi l-impatt negattiv tal-ispeċijiet aljeni invażivi.

¹⁴ L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq u t-taqsimha 26 tal-Anness 2 ta' dan il-Protokoll.

- L-obbligu ta' rappurtar fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 japplika għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Skont l-Artikolu 6(1) tal-protokoll tal-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, li l-Protokoll jagħmel applikabbli, li jipprojbixxu jew jirrestrinġu l-esportazzjoni ta' merkanzija, għandhom jiġu applikati biss għall-kummerċ bejn l-Irlanda ta' Fuq u partijiet oħra tar-Renju Unit sa fejn ikun strettament meħtieġ minn kwalunkwe obbligu internazzjonali tal-Unjoni.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost l-oħrajn, dan li ġej:

- L-Artikolu 7(d) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 ma japplikax għall-esportazzjoni ta' speċijiet aljeni invażivi mill-Irlanda ta' Fuq lejn il-Gran Brittanja li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni.

Madankollu, fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq, il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jeskludi l-possibiltà li r-Renju Unit:

- jipparteċipa fit-teħid u t-tiswir tad-deċizzjonijiet u fl-Unjoni¹⁵;
- jiftaħ proċeduri ta' oġġezzjoni, ta' salvagwardja jew ta' arbitraġġ sa fejn dawn ikunu jikkonċernaw regolamenti tekniċi, standards, valutazzjonijiet, reġistrazzjonijiet, ċertifikati, approvazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet li jinħarġu jew jitwettqu minn Stati Membri tal-UE¹⁶;
- jaġixxi bħala l-awtorità ewlenija għal valutazzjonijiet, l-eżamijiet u l-awtorizzazzjonijiet¹⁷;
- jinvoka r-rikonoxximent reċiproku fl-UE ta' awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet tar-Renju Unit¹⁸.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost l-oħrajn, dan li ġej:

- ir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq ma jistax joġġezzjona għal xi aġġornament fil-lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni;
- ir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq ma jistax jippreżenta talbiet lill-Kummissjoni għall-inklużjoni ta' speċijiet aljeni invażivi fil-lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014; kif ukoll

¹⁵ Fejn ikun hemm bżonn isir skambju ta' informazzjoni jew konsultazzjoni reċiproka, dawn għandhom isiru fil-grupp ta' ħidma konsultattiv konġunt stabbilit skont l-Artikolu 15 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

¹⁶ Il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

¹⁷ L-Artikolu 13(6) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

¹⁸ L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

- il-permess skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 maħruġ mir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq mhuwiex rikonoxxut fi Stat Membru tal-UE.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar l-ispeċijiet aljeni invażivi (https://ec.europa.eu/environment/nature/invasivealien/index_en.htm) jipprovdi informazzjoni ġenerali dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni. Dawn il-paġni se jiġu aġġornati b'aktar informazzjoni, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent